MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Numru 999/2005

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

Vs

Grace Cini

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata detentrici ta’ karta ta’ identita’ numbru 200971(M), akkuzata talli: fil-31 ta’ Awissu 2005, ghall-habta tal-11.15am, mill-hanut BJ Phones fi Vjal il-21 ta’ Settembru 1964, Naxxar;

1. Ikkommettiet serq ta’ mobile phone tal-marka Nokia 7610, liema serq hu aggravat bil-valur li ma jeccdix l-elf lira Maltin;

2. Xjentement, laqat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, cioe’ mobile phone tal- marka Nokia 7610, li kien

mehud b'qerq, jew akkwistat b'reat, jew, xjentement, b' kull mod li jkun, indahlet biex tbieghu jew tmexxih.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat tirregistra ammissjoni fl-liema insistiet anka wara li l-Qorti tghata zmien tirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkodizjonata tal-imputata issibha hatja tar-reat ta' serq dedott kontra taghha fl-ewwel akkuza fil-waqt li tilliberha mill-akkuza alternattiva ta' ricettazzjoni cjoe' mit-tieni akkuza.

Fuq l-iskorta tal-istqarrija taghha l-Qorti qeghdha tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mill-lum sakemm l-imputata ma tikkomettix reat iehor f'dan il-perjodu wara li rat l-Artikolu 261(c), 267, 279 tal-Kap 9.

Il-Qorti spiegat lill-imputata r-responsabiltajiet taghha derivanti minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------